**30 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Paolo Mifsud ne.

*versus*

Lorenzo Said ne. et.

## Kaptan — Polza tal-Karigu — Danni — Solidarjetà.

*Il-kaptan li jikkonsenja l-merkanzija lil min ma jippreżentalux il-polza tal-karigu, jinkorri fir-responsabbiltà konsegwenzjali għall-inadempjenza kontrattwali tiegħu.*

*Il-polza tal-karigu hija d-dokument u l-prova tat-trasport li l-kaptan jobliga ruħu li jagħmel tal-merkanzija biex jirrikonsenjaha fil-post tad-destin lil min ikollu d-dritt għaliha skond it-termini fl-istess polza menzjonati.*

*Imma fil-prattika jissuċċiedi illi l-kaptan jikkonsenja l-merkanzija lil min ikun sfornit mit-titolu, wara li dan jagħmillu garanzija li jiġi rilevat minn kull responsabbiltà lejn it-terz possessur tal-polza tal-karigu — garanzija li tiġi mogħtija mir-riċevitur bil-fidejussjoni ta' Bank.*

*Jekk minn konsenja simili jidderivaw xi danni lid-ditta li tkun ikkonsenjat il-merkanzija lil min ma kellux il-polza tal-karigu, din id-ditta għandha dritt u azzjoni għal dawk id-danni kontra r-riċevitur tal-merkanzija u kontra l-Banka garanti tiegħu, solidalment.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi d-ditta "Azienda Agricola U. Sottocasa" ta' Tripoli spediet għal Malta żewġ partiti laring, waħda ta' 472 kaxxi li waslu fil-bastiment "Città di Messina" fis-16 ta' Jannar 1948, u l-oħra ta' 427 kaxxi li waslu fil-bastiment "Celio" fis-27 ta' Jannar 1948; liema żewġ partiti ġew ritirati mill-konvenut Said nomine mingħajr il-produzzjoni tad-dokumenti relattivi u bil-garanzija solidali tal-konvenut Tagliaferro nomine (dok. A u B); u illi l-konvenut Said nomine ma pproduċiex id-dokumenti *fuq riferiti*, u naqas iħallas il-prezz tal-merkanzija minnu ritirata lid-ditta "Sottocasa" fuq imsemmija, u għalhekk din l-aħħar ditta aġixxiet ġudizzjarjament kontra l-imsemmija soċjetà "Tirrenia" quddiem it-Tribunal ta' Napoli; liema soċjetà "Tirrenia", in forza ta' sentenza mogħtija kontra tagħha fl-10 ta' Lulju 1950, sofriet danni konsistenti fil-ħlas tal-prezz, interessi, spejjeż ġudizzjarji u spejjeż oħra, ammontanti komplessivament għal Lit. 1,618,113, korrispondenti, in bażi għall-kambju korrenti ta' Lit. 1740 per sterlina, għal £929.19.0 (dok. C u D, u I sa V inkluživa*ment*); u illi, inoltre, id-ditta attriċi nkorriet fi spejjeż oħra in konnessjoni mal-imsemmija pendenza fl-import ta' ċirka £20; talab, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u speċjalment dik li l-merkanzija fuq imsemmija ġiet mibjugħa lill-konvenut Said nomine mill-imsemmija ditta speditriċi "Azienda Agricola U. Sottocasa" ta' Tripoli, illi l-konvenuti nomine jiġu dikjarati solidalment responsabbli tad-danni fuq indikati, sofferti mid-ditta attriċi kif fuq indikati; u konsegwentement jiġu kundannati solidalment iħallsu lill-istess attur nomine s-somma ta' £949.19.0 għad-danni minnha sofferti, bl-interessi kummerċjali fuq din is-somma mill-4 ta' April 1951, jum li fih ġiet imħallsa l-imsemmija somma, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-26 ta' Mejju 1951;

*Omissis*;

Tikkunsidra;

F'Jannar tal-1948 id-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons" importat minn Tripoli, per mezz *tal-imsemmi*

Farrugia, rappreżentant f'Malta tal-"Consorzio" fuq imsemmi, iż-żewġ partiti larinġ imsemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni;

Skond Carlo Giusti, direttur ta' dak il-"Consorzio", meta l-imsemmi Farrugia inoltra l-ordni, il-"Consorzio" kien ġa eżawrixxa d-disponibbilitajiet kollha tiegħu ta' larinġ akkapparrat għall-esportazzjoni; però kienu jafu illi l-"Azienda Agricola U. Sottocasa" kellha libera l-produzzjoni tagħha, u allura pproponew lil dik l-"Azienda" biex teffettwa hi l-fornitura "tramite" l-imsemmi rappreżentant tal-"Consorzio", Mario Farrugia;

L-"Azienda Agricola U. Sottocasa" aderiet għar-rikjesta tal-"Consorzio", u dawn ikkommunikaw lill-imsemmi Farrugia l-imsemmija proposta, u dan Farrugia rrisponda fis-sens li l-larinġ seta' jiġi mibgħut (fol. 88 tergo). Skond l-istess Farrugia, però, l-"Azienda Agricola U. Sottocasa" daħlet fin-nofs għaliex hu kien issuġġerixxa lill-"Consorzio" biex dawn ibiegħu taħt isem ieħor, billi kien intrabat li ma jiġux f'Malta għal ħaddieħor partiti oħra tal-"Consorzio" (fol. 47 tergo);

Il-larinġ ġie mill-"Azienda Agricola U. Sottocasa" trasportat fil-lokali tal-"Consorzio", u hemm ġie predispost għall-ispedizzjoni, u l-"Consorzio" ħadu kura talprattiki kollha meħtieġa (fol. 88 u fol. 89), u kienu huma li okkupaw ruħhom esklużivament mill-operazzjonijiet tal-bejgħ; u l-"Azienda Agricola U. Sottocasa" lanqas ma kellha notizzja tal-isem tal-kumpratur (fol. 90);

Il-ħlas kellu jiġi effettwat kontra dokumenti konsenjati lill-Barclay's Bank, sede ta' Tripoli, u minn dik is-sede trasmessi lis-sede tal-istess Bank f'Malta. Skond it-testimonjanza tal-Conte Ulderico Sottocasa, id-dokumenti ġew predisposti f'ismu u ġew firmati minnu (fol. 90 tergo), u skond ix-xhieda tal-imsemmi Giusti, il-kambjali relattivi ġew tratti mill-Conti Sottocasa fuq id-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons" (fol. 89). L-istess Conte Sottocasa, però, xehed illi, għalkemm il-larinġ ġie spedit f'ismu u fl-interess tiegħu, iżda kollox sar per mezz tal-"Consor-

zio", u hu xejn ma kien jaf kif kellu jiġi effettwat il-pagament; però hu fatt aċċertat per mezz tal-Barclay's Bank sede ta' Malta, li l-kambjalijiet ġew mibgħuta mill-"Consorzio", u kienu fuq isem Mario Farrugia (fol. 67 122, 111, 112 u 123);

Mix-xhieda tal-istess Conte Sottocasa jirriżulta illi l-"Azienda Agricola U. Sottocasa" ġew imħallsin mill-"Consorzio", u dan qabel il-konsenja tad-dokumenti (fol. 40 tergo, 169, 214, 192 u 193). Responsabbli lejn l-"Azienda" kien il-"Consorzio" (fol. 90 tergo). Il-prezz ġie trattat mill-"Consorzio", u l-"Azienda" aċċettatu (fol. 90). It-trattattivi saru bejn id-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons" u Mario Farrugia bħala rappreżentant tal-"Consorzio" (fol. 107 tergo). Di fronti għall-istess ditta konvenuta l-vendituri kienu l-"Consorzio" (fol. 47 u fol. 48);

Meta l-larinġ wasal Malta, id-dokumenti kienu għadhom ma waslux, u l-merkanzija ġiet ritirata mid-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons" b'garanzija tal-istess ditta, li magħha ġiet aġġunta dik tal-konvenuti "National Bank of Malta" (fol. 7 fol. 9); liema garanzija kienet tat-tenur segwenti:— "We (id-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons") hereby undertake to hold ourselves responsible..";

Meta, mbgħad, waslu d-dokumenti, id-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons" ma ħallsetx il-kambjalijiet, għaliex ippretendiet illi l-imsemmi Mario Farrugia, dejjem fil-kwalità tiegħu ta' rappreżentant tal-"Consorzio", kellu jirrispondi lejha għal danni derivanti mill-inadempjenza ta' kuntratt ieħor (il-meritu tal-kawża riferita fin-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Tagliaferro nomine); u għal-hekk, minflok ma ħallset l-import ta' dawk il-kambjalijiet, prezz tal-larinġ fuq imsemmi, iddepożitatu taħt l-awtorità ta' din il-Qorti, u in segwitu ssekwestratu in kawtela tal-imsemmija pretensjoni (fol. 157);

Mill-premess, mela, jirriżulta illi d-ditta konvenuta "*Matteo Tabone & Sons*" ttrattat *ma' Mario Farrugia* bħala

rappreżentant tal-*"Consorzio Agrario della Tripolitania"*, u li dan Farrugia ttratta ma' dak il-"Consorzio", u li di fronti għad-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons" il-venditur kien dak il-"Consorzio", iżda d-dokumenti kienu f'isem l-"Azienda U. Sottocasa" (fol. 6 u fol. 8);

Għalhekk, jiġifieri għaliex il-laring ġie mid-ditta attriċi, speditriċi, rikonsenjat lid-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons" mingħajr il-preżentazzjoni tar-rispettivi poloż ta' karigu, imma bir-rilaxx tal-garanzija tagħha lill-aġenzija tagħha f'Malta tal-garanziji *fuq riferiti, l-imsemmi* Conte Ulderico Sottocsa, f'ismu proprju u bħala uniku titolar tal-"Azienda", li f'isimha, skond l-imsemmijin poloz ta' kariku, ġie karikat il-laring fuq il-bastimenti fuq riferiti, iċċita d-ditta attriċi quddiem is-Sezzjoni Civili tat-Tribunal ta' Napoli, u talab il-kundanna tagħha għall-ħlas tal-valur tal-merkanzija, bl-interessi legali u bl-ispejjeż tal-ġudizzju; u dak it-Tribunal, b'sentenza tal-10 ta' Lulju 1950, iddikjara li s-Soċjetà "Tirrenia" hi tenuta tirrizarċixxi lil Sottocasa d-danni li dderivawlu mill-mankata konsenja tal-merċi *ndikati fl-imsemmijin poloz ta' kariku*, u kwindi kkundannatha tħallas lill-istess Sottocasa £650, jew Lit. 1.151,000 jekk il-pagament isir f'territorju taljan, jew Lit. 1.312,000 jekk il-pagament isir fil-post tal-karikazzjoni jew tad-destin; kollox bl-interessi legali mill-jum tal-mankata rikonsenja sa dak tal-ħlas; u kkundanna wkoll it-"Tirrenia" biex tirrileva lill-istess Sottocasa mill-ispejjeż tal-ġudizzju, li ġew likwidati fis-somma ta' Lit. 135,391;

It-"Tirrenia" qegħdha issa, bil-ġudizzju preżenti, taġixxi kontra ż-żewġ konvenuti biex iġġiegħelhom jagħtuha u jħallsuha l-flus li ġiet kundannata tħallas bl-imsemmija sentenza tat-Tribunal ta' Napoli, u l-ispejjeż l-oħra li nkorriet in konnessjoni ma' dak l-istess ġudizzju; u dan b'titolu ta' riżarċiment ta' danni, in forza tal-garanziji fuq riferiti;

Inveru, il-kaptan li jikkonsenja l-merkanzija lil min ma jippreżentalux, jiġifieri ma jikkonsenjalux, il-polizza ta' kariku, jinkorri fir-responsabbiltà konsegwenzjali għall-inadempjenza kontrattwali tiegħu. Il-polizza tal-kariku hu d-dokument u l-prova tat-trasport, li l-kaptan jobliga ruħu

li jagħmel tal-merkanzija biex jirrikonsenjaha fil-post taddestin lil min ikollu d-dritt għaliha skond it-termini fl-istess polza menzjonati. Il-vettur hu obligat jirrestitwixxi l-istess ħwejjeġ biss lil min juri ruħu possessur tat-titoli li jirrappreżentaw l-istess ħwejjeġ; inveru l-funzjoni ta' dawn it-titoli hi appuntu dik li tattribwixxi lill-possessur tagħhom id-dritt għar-rikonsenja tal-merċi b'esklużjoni ta' oħrajn;

F'dan il-każ issuċċieda dak li fil-prattika jissuċċiedi, jiġifieri illi lil min jippreżenta ruħu sfornit mit-titolu, il-vettur jagħtieh il-konsenja wara garanzija li jiġi rilevat minn kull responsabbiltà lejn it-terz possessur tal-polza, garanzija li tiġi lilu mogħtija mir-riċevitur b'fidejussjoni ta' Banka; u d-ditta attriċi qegħdha taġixxi appuntu in forza ta' din il-garanzija mogħtija lilha fit-termini fuq riportati mid-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons" bil-fidejussjoni tal-konvenut "National Bank of Malta". U allura, ġa ladarba d-ditta attriċi sofriet l-imsemmi dannu, dikjarat u stabbilit bl-imsemmija sentenza tat-Tribunal ta' Napoli, minħabba l-konsenja tal-meriċi lid-ditta "Matteo Tabone & Sons" sfornita mill-poloz tal-kariku relattivi, hi għandha d dritt, in forza ta' dik il-garanzija, li tiġi riżarċita għal dak id-dannu solidalment mill-konvenuti, li tawha dik il-garanzija. Anki jekk hu veru li d-ditta "Matteo Tabone & Sons" ma kellha ebda relazzjoni mal-"Azienda Agricola U. Sottocasa", u anki jekk din id-ditta fil-fatt ma sofriet l-ebda dannu għaliex, kif fuq rilevat, tħallset minn għand il-"Consorzio Agrario della Tripolitania", ġa ladarba l-karikaturi kienu, skond il-polza, l-"Azienda Agricola U. Sottocasa", u s-soċjetà attriċi, bħala vettriċi, ikkonsenjat il-merċi lil min kien sprovvist mill-polizza, u minħabba dan inkorriet fil-kundanna fuq imsemmija, lill-istess soċjetà attriċi jibqagħlha d-dritt li teżiġi r-riżarċiment taddannu konsegwenzjali għal dik is-sentenza kontra min iggarantihulha sabiex tkun tista' ssir dik il-konsenja irregolari, sakemm ma jiġix pruvat — dak li ma ġiex — illi s-soċjetà attriċi ssubiet dik is-sentenza b'qerq jew ħtija għad-dannu tal-konvenuti;

Jista' forsi wieħed jifhem, mill-kumpless tal-provi li

saru f'din il-kawża, illi l-"Azienda Agricola U. Sottocasa" ma tantx kellha nteress li taġixxi kontra s-soċjetà attriċi, għaliex kienet ġa tħallset minn għand il-"Consorzio", u li kwindi dak li għamlet għamlitu biex taqdi lill-"Consorzio" għall-finijiet li dan seta' kellu, forsi għaliex il-prezz tal-laring ġie sekwestrat mid-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons" in kawtela tal-pretensjoni li din kellha kontra l-istess "Consorzio" derivanti mill-aċċennata operazzjoni oħra li saret bejniethom; iżda ma ġiex pruvat li s-soċjetà attriċi kellha xi parti f'dak li seta' ġie miftiehem bejn il-"Consorzio" u l-"Azienda Agricola", u lanqas li kellha xi ħtija billi ma użatx minn xi mezz li minnu kienet tiddisponi biex tipprovoka sentenza sfavorevoli għall-"Consorzio" fil-ġudizzju quddiem it-Tribunal ta' Napoli. Id-ditta konvenuta "Matteo Tabone & Sons" tippretendi li s-soċjetà attriċi għandha l-ħtija li naqset tikkjamah fil-kawża quddiem dak it-Tribunal; iżda rriżulta illi s-soċjetà attriċi ppruvat tikkjama fil-kawża lill-konvenut "National Bank of Malta" u ma rnexxielhiex, għar-raġunijiet mogħtija fl-imsemmija sentenza ta' dak it-Tribunal ta' Napoli, u għall-istess raġunijiet ma kienx jirnexxilha tikkjama fil-kawża lid-ditta "Matteo & Sons", u dan minħabba difett ta' ġurisdizzjoni skond in-normi proċedurali;

**Ikkunsidrat;**

Fl-att taċ-ċitazzjoni ġie premess li l-konvenut Said nomine naqas iħallas il-prezz tal-merċi lid-ditta "Sottocasa", u ġiet mitluba d-dikjarazzjoni li dik il-merċi ġiet mibjugħa lill-istess konvenut Said nomine mill-imsemmija ditta "Sottocasa". Il-konvenut nomine ssottometta illi għal kwalunkwe dikjarazzjoni li tingħata f'dan ir-rigward teħtieġ il-preżenza fil-kawża tal-"Consorzio Agrario"; għalhekk talab illi l-istess jiġi kjamat fil-kawża. Din it-talba ġa ġiet respinta bid-digriet tal-24 ta' April 1959, konfermat fl-Appell fit-22 ta' Ġunju 1959. Għalkemm ġiet mitluba l-imsemmija dikjarazzjoni, din mhix neċessarja, kif jippretendi li hija l-konvenut nomine, għad-definizzjoni tad-domandi. Il-kawżali tad-domanda kontra ż-żewġ konvenuti solidalment għall-fuq imsemmi dannu soffert mis-soċjetà attriċi,u għall-konsegwenzjali kundanna tagħhom għall-

ħlas tal-valur ta' dak id-dannu, hija l-garanzija surriferita prestata mill-istess konvenuti favur l-istess soċjetà attriċi li jżommuha ndenni minn dak id-dannu, dedotta u esposta b'suffiċjenti kjarezza fl-att taċ-ċitazzjoni; u għalhekk l-istess talba tista', u għandha, tiġi attiża indipendentement mill-imsemmija dikjarazzjoni;

Tikkunsidra;

Kontra l-ammont tad-dannu reklamat il-konvenuti ma ssollevaw ebda eċċezzjoni. Hu ġustifikat b'dokumenti sassomma ta' Lit. 1,618,113. pari għal £929.19.0, imma ma ġewx ġustifikati l-£20 għal "spejjeż oħra ġenerali". Del resto, fl-istess att taċ-ċitazzjoni jingħad li dik l-ispiża hija approssimattiva;

Għall-motivi premessi;

Tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju riferibbilment għad-dikjarazzjoni li ġiet mitluba fis-sens li l-vendituri tal-laringi kienu l-"Consorzio"; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine; għaliex ma kienetx neċessarja;

Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom biex iħallsu lill-attur nomine s-somma ta' £929.19.0, u b'hekk tilqa' t-talba ta' l-istess attur nomine għad-dikjarazzjoni tar-responsabbiltà tal-konvenuti għall-ħlas taddanni fuq indikati, derivanti mill-garanzija fuq riferita, u għall-kundanna tal-istess konvenuti għall-ħlas ta' dawk id-danni fis-somma riferita; bl-ispejjeż.